DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-26 ta' Novembru 2014

li temenda d-Deċiżjoni 90/179/Euratom, KEE li tawtorizza lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja biex tuża statistika għas-snin li jippreċedu l-aħħar sena għajr waħda u biex ma tikkunsidrax ċerti kategoriji ta' tranżazzjonijiet jew biex tuża ċerti stimi approssimattivi għall-kalkolu tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT

(notifikata bid-dokument C(2014) 8931)

(It-test bil-Ġermaniż biss huwa awtentiku)

(2014/849/UE, Euratom)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89 tad-29 ta' Mejju 1989 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud ([1]), u b'mod partikulari it-tieni inċiż tal-Artikolu 6(3) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv dwar ir-Riżorsi Proprji,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 284 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ([2]), il-Ġermanja tista' tkompli tagħti ħelsien gradwat mit-taxxa jekk hija kienet qed teżerċita din l-opzjoni skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva tal-Kunsill 67/228/KEE ([3]); dawk it-tranżazzjonijiet għandhom jiġu kkunsidrati biex tkun determinata l-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT.

(2) Fl-ittra tagħha tad-29 ta' April 2014 ([4]), il-Ġermanja talbet li titneħħa l-awtorizzazzjoni relatata ma' ħelsien gradwat mit-taxxa peress li m'għadhiex tagħti ħelsien gradwat mit-taxxa lil intrapriżi żgħar.

(3) Huwa għalhekk xieraq li tkun emendata d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 90/179/Euratom, KEE ([5]) skont dan,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 90/179/Euratom/KEE, jitħassar il-kliem "għall-kalkolu tat-taxxa mhux miġbura minħabba l-ħelsien gradwat mit-taxxa mogħti taħt l-Artikolu 24(2) tas-Sitt Direttiva, u".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Novembru 2014.

Għall-Kummissjoni
Kristalina GEORGIEVA
Viċi President

([1]) ĠU L 155, 7.6.1989, p. 9.
([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).
([3]) It-tieni Direttiva tal-Kunsill 67/228/KEE tal-11 ta' April 1967 dwar l-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri dwar it-taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Struttura u proċeduri għall-applikazzjoni tas-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 71, 14.4.1967, p. 1303/67).
([4]) Ares(2014)1340946.
([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 90/179/Euratom, KEE tat-23 ta' Marzu 1990 tawtorizza lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja biex tuża statistika għas-snin li jippreċedu l-aħħar sena għajr għal sena waħda u biex ma tikkunsidrax ċerti kategoriji ta' tranżazzjonijiet jew biex tuża ċerti stimi approssimattivi għall-kalkolu tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT (ĠU L 99, 19.4.1990, p. 28)